Bla ma rrid, jien u naqra d-drammi, dejjem nimmaġina li l-karattri qed jitkellmu fid-dlam. Donnhom l-ilħna tagħhom ġejjin minn sqaq profond f'nofs ta' lejl bla qamar. U f'din id-dalma l-ħsibijiet jissawru aktar ċari u aktar qawwija. Forsi għalhekk dawn id-drammi jappellaw aktar għas-sens tas-smigħ. Jista' Jkun li kieku kellhom jinħadmu fuq palk jitilfu qatigħ mill-impatt tagħhom. Il-palk għandu mnejn ma jħallix wisgħa għall-fantasija... li fil-kitba ta' l-awtriċi hija tant meħtieġa.

Il-ktieb "**Wiċċ imb'Wiċċ**" mhux ktieb li l-mara tad-dar tieħu gost tisimgħu hi u tqaxxar il-patata jew tnaddaf il-lampuki. Huwa ktieb li jitlob mill-qarrej konċentrazzjoni sħiħa u ta' l-attenzjoni... l-istess bħalma jidher ċar li għamlet l-awtriċi hi u toħolqu. "**Wiċċ imb'Wiċċ**" irid lill-qarrej jinsa ċ-ċirku ta' madwaru u jassorbi ruħu fil-karattri... karattri li fl-estrimitajiet tagħhom għandhom farka minn kull wieħed minna ġo fihom. Minflok KLARISSA u LEONID il-persunaġġi seta' kien jisimhom BNIEDEM u BNIEDMA.

Inħossni dgħajjef wisq biex nesprimi l-profondita' tad-drammi, biss naf żgur li "**Wiċċ imb'Wiċċ**" jinżel fil-fond ġmielu; u l-qarrej intelliġenti jsib f'idejh ħobż x'jixtarr għal ħin bla qies. M'humiex drammi li taqrahom... iżda drammi li tgħixhom.

T.

**INFAKKRU......**

* Lil dawk il-membri akkademiċi jew imseħbin fir-rivista tagħna IL-MALTI li baqgħu ma ħallsux is-sħubija jew l-abbonamenti tagħhom minkejja l-avviż li nbagħtilhom, nixtiequ nħeġġuhom biex sa l-aħħar ta' din is-sena jirranġaw il-ħlasijiet lura tagħhom. Jekk ma jagħmlux dan ma jkunx possibli li jibqgħu jirċievu aktar (**gratis**) dan il-Qari ta' l-Akkademja tal-Malti fis-sena 1974.

* Min jibgħat iħallas nitolbuh ma jibgħatx Postal Orders għax dawn iġibu inqas flus Maltin meta jissarrfu imma jibgħat minflok, bolli ta' erba' milleżmi (4m) jew taż-żewġ ċenteżmi (2c).

# WERREJ GĦAS-SENA 1973

**A. A. M. :—**
Laqgħa Letterarja fit-Teatru Manoel ... ... ... ... 43
**Abela Ġużi :—**
Għax Jiena Marjunett! ... ... ... ... ... ... ... 85
**Agius Mario :—**
Ħassejt... Madonna! ... ... ... ... ... ... ... 72
**Agius Michael :—**
Għaġġla jew Għaġla? ... ... ... ... ... ... ... 42
**Anon :—**
Riflessjonijiet Fl-Aħħar Tas-Sena 1971 ... ... ... ... 115
**Apap Vic :—**
"Sabiħa" jew "Sabieħa"? ... ... ... ... ... ... 42
Il-Ħtieġa ta' Ortografija Tajba ... ... ... ... ... 88
**Aquilina Pawlu :—**
Ħanina...! ... ... ... ... ... ... ... ... 67
**Aveta Clemetine :—**
Studju fuq "Iljieli fid-Deżert" ta' Denis Agius ... ... 19
**Azzopardi Ġer. :—**
Biex Ma Jitkasbarx il-Malti ... ... ... ... ... ... ... 117
**Cachia Pawlu :—**
L-Ewwel Lejla Letterarja ta' l-Akkademja tal-Malti ... ... 11
Kronaka ta' Aħbarijiet ... ... ... ... ... ... 86
**Camilleri, Dun Frans :—**
Il-Kalċi tal-Mużew ... ... ... ... ... ... ... 107
**Caruana Vincent :—**
Ħames Limerikki ... ... ... ... ... ... ... 81
**Cassar Manwel :—**
Għotjiet ... ... ... ... ... ... ... ... 47
**Cassola Albert M. :—**
L-Imsejkna Vjoli Tiegħi (traduzzjoni) ... ... ... ... 85
Il-Ħelsien (traduzzjoni) ... ... ... ... ... 90
**Coleiro Charles :—**
Rapport Amministrattiv 1969-1972 ... ... ... ... 12
**Cortis Jane :—**
Warda ... ... ... ... ... ... ... 37
**Editorjali:—** ... ... ... ... ... ... 3, 33, 65, 97
**Fenech Dwardu, Patri :—**
Studju fuq "Żmien L-Ispanjoli" ta' Ġużè' Galea ... ... 23
**Friggieri Oliver :—**
L-Ilħna Maħnuqa ... ... ... ... ... ... ... ... 22
Studju fuq "Il-Fidwa tal-Bdiewa" ta' Ninu Cremona ... 52
Iss'Inżel Xemx ... ... ... ... ... ... ... ... 80
La Jċedi/Ja Qanpiena ... ... ... ... ... ... ... 113